

Rikors ippreżentat fis-17 ta' Jannar 2020 – IE vs ECDC**(Kawża T-33/20)**

(2020/C 103/45)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż***Partijiet***Rikorrent:* IE (rappreżentanti: L. Levi u A. Champetier, avukati)*Konvenut:* Iċ-Ċentru Ewropew għall-Prevenzjoni u l-Kontroll tal-Mard (ECDC)**Talbiet**

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla r-rapport ta' evalwazzjoni tar-rikorrent għas-sena 2018;
- tannulla d-deċiżjoni tas-7 ta' Ottubru 2019, li tiċħad l-ilment tar-rikorrent tas-6 ta' Ġunju 2019;
- tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinwoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq ksur, min-naħa tal-konvenut, tal-Artikolu 43 tar-Regolamenti tal-Persunal u tal-Artikolu 2.3 tar-Regola ta' Implimentazzjoni Nru 20 tal-ECDC dwar l-evalwazzjoni tal-membri tal-persunal temporanju tal-ECDC.
2. It-tieni motiv ibbażat fuq żbalji manifesti ta' evalwazzjoni min-naħa tal-konvenut.
3. It-tielet motiv ibbażat fuq ksur, min-naħa tal-konvenut, tad-dmir ta' premura.
4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq ksur, min-naħa tal-konvenut, tad-dritt għal smiġh tar-rikorrent.

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Jannar 2020 – Chanel vs EUIPO – Huawei Technologies
(Rappreżentazzjoni ta' ċirku li fih żewġ kurvi li jintisġu ġo xulxin)****(Kawża T-44/20)**

(2020/C 103/46)

*Lingwa tar-rikors: il-Franċiż***Partijiet***Rikorrenti:* Chanel (Neuilly-sur-Seine, Franza) (rappreżentant: J. Passa, avukat)*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Huawei Technologies Co. Ltd (Shenzhen, iċ-Ċina)**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO***Applikant għat-trade mark kontenjuża:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell*Trade mark kontenjuża kkonċernata:* applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea (Rappreżentazzjoni ta' ċirku li fih żewġ kurvi li jintisġu ġo xulxin) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 248 642

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-28 ta' Novembru 2019 fil-Każ R 1041/2019-4

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata sa fejn hija qieset li s-sinjali kunfliġġenti, fl-intestatura li fiha tniżżlu, ma humiex simili;
- tannulla d-deċiżjoni sa fejn hija tirrifjuta bħala prinċipju milli twettaq xebh bejn is-sinjali fis-sitwazzjoni li fiha s-sinjal, kopert mill-applikazzjoni ta' reġistrazzjoni kontenzjuża, kien is-suġġett ta' rotazzjoni ta' 90 grad meta mqabbel mad-direzzjoni li fiha ġie ppreżentat;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) u (5) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;

Rikors ippreżentat fit-3 ta' Frar 2020 – Enosi Mastichoparagogen Chiou vs EUIPO (MASTIHACARE)

(Kawża T-60/20)

(2020/C 103/47)

Lingwa tal-kawża: il-Grieg

Partijiet

Rikorrent: Enosi Mastichoparagogen Chiou (Chios, il-Greċja) (rappreżentant: A.-E. Malami, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: ir-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark verbali MASTIHACARE – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 1388895

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Novembru 2019, fil-Każ R 692/2019-1

Talbiet

Ir-rikorreni titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiddikjara dan ir-rikors ammissibbli;
- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tawtorizza r-reġistrazzjoni internazzjonali li tindika l-Unjoni Ewropea tat-trade mark MASTIHACARE – Applikazzjoni Nru 1388895 – għall-prodotti kollha fil-klassi 3;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-kawża b'mod konformi mal-Artikolu 190(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali.